**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (il-Belġju) fid-9 ta' April 2009 — Association des Riverains et Habitants des Communes Proches de l'Aéroport B.S.C.A. (Brussels South Charleroi Airport) ASBL — A.R.A.Ch, Léon L'Hoir, Nadine Dartois vs Région wallonne**

**(Kawża C-135/09)**

(2009/C 153/42)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d'État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Association des Riverains et Habitants des Communes Proches de l'Aéroport B.S.C.A. (Brussels South Charleroi Airport) ASBL — A.R.A.Ch, Léon L'Hoir, Nadine Dartois

*Konvenut:*Région wallonne

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 1(5) tad-Direttiva 85/337/KEE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent ([1]) jista' jiġi interpretat fis-sens li jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, leġiżlazzjoni, bħad-digriet tar-Région wallonne tas-17 ta' Lulju 2008 dwar ċerti awtorizzazzjonijiet li fir-rigward tagħhom hemm raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, li tillimita ruħha li tipprovdi li "ġew stabbiliti raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali" għall-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet għal żvilupp urban, awtorizzazzjonijiet ambjentali u awtorizzazzjonijiet uniċi relatati ma' atti u x-xogħlijiet li hija telenka, u li "tirratifika" l-awtorizzazzjonijiet li fir-rigward tagħhom huwa pprovdut li "ġew stabbiliti raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali"?

2) a) L-Artikoli 1, 5, 6, 7, 8 u 10a tad-Direttiva 85/337/KEE kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 97/11/KE ([2]) u d-Direttiva 2003/35/KE ([3]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jipprojbixxu sistema legali li tipprovdi li d-dritt li jitwettaq proġett suġġett għall-istima ta' effetti jiġi awtorizzat permezz ta' att leġiżlattiv li kontra tiegħu ma jistax jiġi ppreżentat rikors, quddiem qorti jew quddiem kwalunkwe korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit mil-liġi, intiż li jikkontesta, fuq il-mertu u fuq il-proċedura segwita, id-deċiżjoni li tawtorizza t-twettiq tal-proġett?

b) L-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali konkluża fil-25 ta' Ġunju 1998 u approvata, f'isem il-Komunità Ewropea, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 ([4]), għandu jiġi interpretat fis-sens li jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jipprovdu għall-possibbiltà li jkun jista' jiġi ppreżentat rikors, quddiem qorti jew kwalunke korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit mil-liġi, sabiex tiġi kkontestata l-legalità, fuq kull kwistjoni ta' mertu jew ta' proċedura li taqa' kemm taħt is-sistema sostantiva kif ukoll taħt is-sistema proċedurali ta' awtorizzazzjoni ta' proġetti suġġetti għall-istima tal-effetti, ta' deċiżjonijiet, ta' atti jew omissjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6?

c) Fir-rigward tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, konkluża fil-25 ta' Ġunju 1998 u approvata, f'isem il-Komunità Ewropea, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005, l-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337/KEE kif emendat bid-Direttiva 2003/35/KE, għandu jiġi interpretat fis-sens li jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jipprovdu l-possibbiltà li jkun jista' jiġi ppreżentat rikors, quddiem qorti jew kwalunke korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit mil-liġi, sabiex tiġi kkontestata l-legalità ta' deċiżjonijiet, ta' atti jew ommissjonijiet fuq kull kwistjoni ta' mertu jew ta' proċedura li taqa' kemm taħt is-sistema sostantiva kif ukoll taħt is-sistema proċedurali ta' awtorizzazzjoni ta' proġetti suġġetti għall-istima tal-effetti?

([1]) Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 175, p. 40).

([2]) Direttiva tal-Kunsill 97/11/KE tat-3 ta' Marzu 1997 li temenda d-Direttiva 85/337/KEE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 73, p. 5).

([3]) Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja — Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni (ĠU L 156, p. 17).

([4]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (ĠU L 124, p. 1)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Ordinario di Palermo (L-Italja) fil-15 ta' April 2009 — Todaro Nunziatina & C. snc vs Assessorato del Lavoro e della Previdenza Sociale**

**(Kawża C-138/09)**

(2009/C 153/43)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Ordinario di Palermo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Todaro Nunziatina & C. snc

*Konvenut:* Assessorato del Lavoro e della Previdenza Sociale

**Domandi preliminari**

1) Peress li l-iskema ta' għajnuna (identifikata bin-Nru NN 91/A/95) introdotta mir-Reġjun ta' Sqallija permezz tal-Artikolu 10 tal-Liġi Reġjonali Nru 27 tal-15 ta' Mejju 1991 tipprovdi mekkaniżmu għal sussidji għal numru ta' snin, għal minimu ta' sentejn, u għal massimu ta' ħames snin (sentejn għal reklutaġġ b'kuntratti ta' taħriġ u ta' xogħol flimkien ma' massimu ta' tliet snin fil-każijiet fejn dawn il-kuntratti nbidlu f'kuntratti għal terminu indefinit), il-Kummissjoni Ewropea, permezz tad-Deċiżjoni Nru 95/C 343/11 tal-14 ta' Novembru 1995 li approvat l-implementazzjoni tal-iskema, kellha l-intenzjoni:

— tawtorizza b'mod ġenerali tali applikazzjoni temporali u ekonomika fir-rigward tal-benefiċċji (sentejn u tliet snin), jew *a contrario*,

— tawtorizza, ekluživament jew sussidjarjament, l-għoti ta' sussidji għal reklutaġġ b'kuntratti ta' taħriġ u ta' xogħol (matul is-sentejn ħajja ta' tali kuntratti) jew l-għoti ta' sussidji għat-trasformazzjoni f'kuntratti għal terminu indefinit tal-kuntratti ta' ħaddiema li preċedentement kienu reklutati b'kuntratti ta' taħriġ u ta' xogħol (matul tliet snin b'effett mid-data tal-bdil)?

2) It-terminu tas-sena finanzjarja 1997 għall-implementazzjoni tal-għajnuna mill-Istat, stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea bid-Deċiżjoni 95/C 343/11 tal-14 ta' Novembru 1995 fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-iskema introdotta mill-Artikolu 10 tal-Liġi Reġjonali 27/91, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa:

— t-terminu għall-previżjoni inizjali tal-ispejjeż għal għajnuna li, fi kwalunkwe każ, għandha titħallas matul is-snin sussegwenti (skont l-interpretazzjonijiet differenti possibbli, iċċitati iktar 'il fuq, tal-għajnuna awtorizzata), jew pjuttost

— t-terminu finali għal ħlas materjali tas-sussidji stess mill-korpi reġjonali kompetenti?

3) Fir-rigward ta' reklutaġġ b'kuntratt ta' taħriġ u ta' xogħol skont l-Artikolu 10 tal-Liġi Reġjonali 27/91, li beda, per eżempju, fl-1 ta' Jannar 1996, u għalhekk matul il-perijodu ta' implementazzjoni tal-għajnuna stabbilit fid-Deċiżjoni 95/C 343/11 tal-14 ta' Novembru 1995, ir-Reġjun ta' Sqallija seta' (jew kellu) japplika konkretament l-iskema ta' għajnuna inkwistjoni għas-snin kollha awtorizzati (jiġifieri sentejn flimkien ma' tliet snin), u dan ukoll meta, kif inhuwa l-każ fl-eżempju ċċitat iktar 'il fuq, l-implementazzjoni tal-iskema awtorizzata tinkludi l-ħlas materjali tas-sussidju sal-31 ta' Diċembru 2001 (jiġifieri, 1996 + ħames snin = 2001)?

4) Il-Kummissjoni Ewropea, permezz tad-Deċiżjoni 2003/195/KE tas-16 ta' Ottubru 2002, li l-Artikolu 1 tagħha jipprovdi: "l-iskema ta' għajnuna li l-Italja għandha l-intenzjoni li timplementa skont l-Artikolu 11(1) tal-Liġi Reġjonali ta' Sqallija Nru 16 tas-27 ta' Mejju 1997 hija inkompatibbli mas-suq komuni. Għaldaqstant, l-iskema ma tistax tiġi implementata", kellha l-intenzjoni:

— tirrifjuta l-awtorizzazjoni tal-iskema tal-għajnuna l-"ġdida" inkluża fl-Artikolu 11 tal-Liġi Reġjonali 16/97, peress li kkunsidrata bħala skema "awtonoma" intiża li testendi l-perijodu ta' implementazzjoni tal-għajnuna stabbilit mill-Artikolu 10 tal-Liġi Reġjonali Nru 27/91 lil hinn mil-31 ta' Diċembru 1996 billi tinkludi wkoll l-ispejjeż tar-reklutaġġ u/jew ta' trasformazjoni li ġew inkorsi fl-1997 u fl-1998, jew

— kuntrarjament, li effettivament tipprekludi r-Reġjun milli jqassam materjalment ir-riżorsi ekonomiċi, sabiex twaqqaf il-ħlas konkret tal-għajnuna mill-Istat stabbilita bl-Artikolu 10 tal-Liġi Reġjonali Nru 27/91, anki għar-reklutaġġi u/jew it-trasformazzjonijiet li saru qabel il-31 ta' Diċembru 1996?

5) Jekk l-interpretazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni magħżula tkun dik esposta fl-ewwel inċiż tal-punt 4, din id-deċiżjoni hija kompatibbli mal-interpretazzjoni tal-Artikolu 87 tat-Trattat, invokata mill-Kummissjoni bħala bażi għal sitwazzjonijiet simili ta' eżenzjoni mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għal kuntratti ta' taħriġ u ta' xogħol imsemmija fid-Deċiżjoni 2000/128/KE tal-11 ta' Mejju 1999 (dwar il-liġijiet tal-Istat Taljan u speċifikament imfakkra fil-motivi tad-deċiżjoni ta' inkompatibbiltà tal-2002) u fid-Deċiżjoni 2003/739/KE tat-13 ta' Mejju 2003 (li għandha bħala suġġett il-liġijiet tar-Reġjun ta' Sqallija)?

6) Jekk l-interpretazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni magħżula tkun dik esposta fit-tieni inċiż tal-punt 4, liema interpretazzjoni għandha tingħata lid-deċiżjoni preċedenti ta' awtorizzazzjoni tal-miżuri tal-għajnuna, u dan b'kunsiderazzjoni għat-tifsira doppja li tista' tingħata lill-aġġettiv "addizzjonali": "addizzjonali fir-rigward tal-baġit stabbilit bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni" jew "addizzjonali fir-rigward tal-finanzjament magħmul mir-Reġjun, biss sal-baġit tal-1996"?

7) Fl-aħħar nett, liema għajnuna għandha tiġi kkunsidrata bħala legali u liema għajnuna għandha tiġi kkunsidrata bħala illegali skont il-Kummissjoni?

8) Liema mill-partijiet fil-kawża prinċipali (l-impriża jew id-direttorat reġjonali tax-xogħol), għandhom l-obbligu li jippruvaw li l-baġit stabbilit mill-Kummissjoni ma nqabiżx?

9) Ir-rikonixximent eventwali favur impriżi benefiċjarji, ta' interessi legali għal ħlas tardiv tas-sussidji kkunsidrati legali u ammissibbli għandu jittieħed inkunsiderazzjoni meta jiġi evalwat jekk inqabiżx il-baġit awtorizzat inizjalment bid-Deċiżjoni 95/C 343/11 tal-14 ta' Ottubru 1995?

10) Fil-każ fejn din hija inkluża fid-determinazzjoni ta' dan il-qbiż, liema perċentwali tal-interessi għandha tiġi applikata?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Genova (l-Italia) fis-17 ta' April 2009 — Fallimento Traghetti del Mediterraneo SpA — Curatore dott. Alberto Fontana vs Presidenza del Consiglio dei Ministri**

**(Kawża C-140/09)**

(2009/C 153/44)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Genova